MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 151/2009/1

**Andrea Attard**

**vs**

**Global Security Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Frar, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ipremetta li huwa kien gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta sabiex jippresta servizzi ta' *security guard*, liema servizz huwa ppresta f'zewg perjodi bejn it-tletin (30) ta' Gunju 2008 u l-erbgha (4) ta' Lulju 2008, kif ukoll bejn il-hamsa (5) ta' Lulju 2008 u l-hamsa (5) ta' Awissu, 2008, ghal total ta'

mitejn, wiehed u ghoxrin (221) siegha. Illi l-kumpens pattwit bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta kien dak ta' tlett Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3.26) fis-siegha. Illi fil-hamsa (5) ta' Awissu, 2008, dan il-ftehim gie terminat mis-socjeta' konvenuta minghajr ma l-attur thallas dak lilu dovut ghas-servizz pprestat kif hawn fuq spjegat. Minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas ta' l-istess, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant, l-attur jitlob li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-istess attur is-somma ta' seba mija u ghoxrin Ewro u wiehed u sebghin Ewro (€720.71), rapprezentanti kumpens dovut lill-attur mill-istess socjeta' konvenuta kif spjegat. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data li l-ammont komplessiv kif mitlub sar dovut, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri fil-mori tal-kawza; illi l-attur qatt ma kien impjegat tas-socjeta' konvenuta u fil-fatt gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta a bazi ta' prova/training; illi fiz-zmien li hu kien qed jaghmel l-imsemmi *training*, agixxa b'mod abbusiv u illegali u sahansitra ghamel affarijiet li jmorru kontra l-professjoni li ghalih kien qed jaghmel *training* u ghalhekk l-ammont minnu mitlub, anki li kieku kien qed jahdem ufficjalment, m'huwiex dovut; illi kawza ta' dan l-agir tieghu, s-socjeta' konvenuta soffriet danni kbar, kif ser jgi muri fil-mori tal-kawza, inkluz li ma thallsitx tax-xoghol li ghamlet. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema x-xhieda ta' l-attur Andrea Attard.

Sema x-xhieda ta' Annie Attard prodotta mill-attur.

Sema x-xhieda ta' Ivan Spiteri Lucas prodott mill-attur.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-attur kemm permezz tax-xhieda moghtija minnu stess, kif ukoll permezz tax-xhieda l-ohra li huwa pproduca, rnexxilu jipprova li fil-perjodi msemmija fl-Avviz, huwa kien ippresta servizzi ta' *security guard* lis-socjeta' konvenuta, u li ta' dawk is-sieghat kollha li huwa hadem, baqa ma thallas xejn mis-socjeta' konvenuta.

Skond l-attur, is-sieghat li hadem kienu jikkonsistu b'kollox f'mitejn u wiehed u ghoxrin siegha (221), u kellu jithallas bir-rata ta' €3.26 Ewro fis-siegha. B'hekk jigi li l-ammont globali dovut lill-attur huwa dak ta' seba mija u ghoxrin Ewro, u sitta u erbghin centezmu (€720.46).

Illi omm l-attur, Annie Attard, ikkonfermat ukoll li l-attur kien hadem is-sieghat imsemmija, ghaliex hija mhux biss kienet izzomm rendikont tas-sieghat li kien qieghed jahdem binha, izda kienet anki twasslu x-xoghol.

Illi minn-naha taghha s-socjeta' konvenuta ma resqet l-ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha, alavolja inghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel dan. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta in kwantu ma gew bl-ebda mod ippruvati, ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' seba mija u ghoxrin Ewro, u sitta u erbghin centezmu (€720.46), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-

kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.**"**

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta biex tinvoka l-lezjoni tal-principju *audi alteram partem* fuq il-premessa illi hi giet michuda mid-dritt procedurali li tressaq u tezawrixxi l-provi taghha meta ma kienetx fi htija ghal xi nuqqas taghha.  Hi tissottometti b'raguni illi l-Avukat li kellha rrinunzja ghall-patrocinju taghha u jekk naqset milli tidher ghal xi udjenza dan gara jew ghaliex kienet ghadha sprovvista minn konsulent legali tal-fiducja taghha jew ghaliex l-Avukat li eventwalment inkarigat inzerta kien impenjat f'xoghol iehor barra l-Qorti u ma setax ghalhekk jassumi l-patrocinju fl-udjenza partikolari;

Mill-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal il-kwadru ta' l-*iter* taghha sehh f'din l-ordni:-

1. Fl-20 ta' Mejju 2009 dehru l-avukati u wkoll ir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta (Mario Cardona). Stante kontestazzjoni, it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghal data ohra;

2. Fit-3 ta' Lulju 2009 u s-6 ta' Ottubru 2009 nstemghu u nghalqu wkoll il-provi ta' l-attur.  F'dawn iz-zewg seduti hadd mis-socjeta` konvenuta ma attenda ghajr ghall-Avukat Joseph Arrigo ghall-kumpanija li fl-ahhar udjenza msemmija rrinunzja wkoll ghall-patrocinju;

3. Fit-30 ta' Ottubru 2009 hu verbalizzat li hadd ma deher ghall-kumpanija meta allura l-kawza kienet hekk imhollija ghall-provi taghha.  L-istess haga gara fl-udjenza tat-13 ta' Jannar 2010 u t-Tribunal ghadda biex iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza ghall-11 ta' Frar 2010;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tibda biex taghmel din il-preliminari.  Ghal min hu familjari mad-decizjonijiet taghha u fejn ic-cirkustanzi tal-kaz partikulari kienu hekk jissuggerulha din il-Qorti ma qaghdetx lura milli takkorda,

fejn misthoqq, ir-rivendikazzjoni processwali invokata lilha tal-principju fundamentali tal-gustizzja naturali tas-smigh xieraq. Difatti, is-socjeta` appellanti tillustra dan bir-referenza li taghmel ghal xi sentenzi taghha. Fosthom "**Nazzareno Zammit *et* -vs- Josephine Falzon**", 10 ta' Marzu, 2004 u "**Avukat Antoine Naudi *nomine* -vs- John Abela Ltd**", 9 ta' Frar, 2005. Ta' l-ewwel kienet decizjoni fuq appell minn sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera u fejn l-Avukat difensur ta' l-intimat annotat data errata ta' differiment fid-*diary* taghha; l-ohra, fuq appell mill-Qorti tal-Magistrati, fejn l-Avukat tas-socjeta` konvenuta nzerta mpenjat f'kampanja elettorali;

Il-kaz prezenti ma jaqax f'din il-kategorija u ma jistax allura jattira lejh l-indulgenza awspikata ghall-akkoljiment ta' dak propost lill-Qorti mis-socjeta` konvenuta bl-appell taghha. Hemm ragunijiet ovvji ghal din il-konkluzjoni:-

1. Jinzel mid-disposizzjonijiet rilevanti taht l-Att V ta' l-1995 illi fl-ewwel lok il-Gudikant "ghandu jizgura li l-kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx aktar minn seduta wahda" [Artikolu 9 (2) (a)];

2. Forsi aktar fundamentalment minn dan hu d-dispost ta' l-Artikolu 13 ta' l-Att li jimprimi fuq il-partijiet personalment l-presenza u l-attendenza taghhom fil-procediment. Dan hu hekk mahsub proprju biex jiffacilita` s-sommarjeta tal-proceduri. Ara "**Emmanuel Caruana -vs- Elaine Cachia**", u "**Dr. Lennart Depasquale -vs- Filippo Cachia**", it-tnejn decizi minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Novembru, 1996;

Fil-fattispeci huwa sew evidenti illi s-socjeta` konvenuta naqset milli thares u tosserva dan il-provvediment tal-ligi ghaliex, hlief ghal seduta unika, l-ebda rapprezentant taghha ma attenda ghas-seduti successivi li saru. Din il-qaghda tixbah lil dik stabbilita fid-decizjoni ta' din il-Qorti tal-20 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet "**Martin Aquilina**

***nomine* -vs- Christopher Friggieri**", ukoll citata mis-socjeta` appellanti fil-korp tar-rikors ta' l-appell taghha;

F'din id-decizjoni, b'abbracc ta' l-enuncjazzjoni fis-sentenza "**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar, 1975, il-Qorti rriaffermat il-hsieb illi l-principju "*audi alteram partem* ma jimpurtax illi f'gudizzju huwa imprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss li tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom". Fil-kaz prezenti s-socjeta` konvenuta ma tistax legittimament tilmenta illi din l-opportunita ma gietx akkordata lilha. Fiz-zgur, ma tistax tippretendi illi l-indulgenza invokata lill-Qorti ghandha sservi biex taghmel tajjeb ghall-inkurja taghha jew biex tikkolma l-kondotta processwali negattiva taghha bil-permess tal-Qorti li tinghata l-possibilita` li ggib f'dan l-istadju l-provi u taghmel l-assunti taghha meta kienet hi li naqset li taghmel dan quddiem l-ewwel tribunal ghal dik l-assenza taghha li tidher fil-proceduri. Almenu, biex tispjega lit-Tribunal bid-diffikolta taghha li ssib Avukat ta' fiducja jew ukoll biex tinforma lit-Tribunal li l-avukat gdid li inkarigat kien ser ikun impenjat band'ohra. Ikollu jinghad illi l-iskuzanti minnha issa sottomessi ma huma xejn attendibbli jew gustifikabbli;

Opportunement, ma jkunx barra minn loku li jigi ripetut anke hawnhekk illi "biex il-parti tirnexxi fl-azzjoni taghha ghall-annullament tas-sentenza moghtija minhabba vjolazzjoni ta' dak il-principju (*audi alteram partem*) jehtiegilha tipprova li hija sofriet dik il-privazzjoni ingustament, jigifieri mhux bi htija addebitata lilha, ghax inkella jissubentra l-principju l-iehor *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*". Ara "**Joseph Debono *nomine* -vs- Dottoressa Irene Condachi**", Appell, 27 ta' Gunju, 1955. Ara wkoll f'sens konformi "**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 u "**Alfred Vella *proprio et nomine* -vs- Kummissarju tal-Pulizija *et***", Appell, 3 ta' April, 2009. Dan kollu qed jigi accentwat

ghaliex ma jidherx li jista’ qatt ikun xieraq u lecitu illi l-Qorti tippremeggja d-dizinteress u n-non-kuranza ta’ parti sokkombenti fil-gudizzju. Ara “**Aplan Limited -vs- Etienne Formosa**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 15 ta’ Novembru, 2006 u “**Charles Mattocks -vs- Dr. Anthony Gruppetta *nomine***”, Appell Superjuri, 27 ta’ Gunju, 2008.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------